MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 364/2006

APS Bank Limited
vs
Tania Vella u Shaun Brincau fil-kapacita` tieghu ta' garanti tal-istess Tania Vella

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:

1. Illi l-intimati Tania Vella u Shaun Brincau fil-kapacita` tieghu ta' garanti solidali tal-istess Tanica Vella, kienu debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma komplessiva ta' tletin elf, mija u sebghin u sittin lira Maltijn u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm30,167.22), u cioe` s-somma ta' disgha u ghoxrin elf, tliet mija u erbgha u ghoxrn lira Maltin u sitt centezmi (Lm29,324.06) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-Loan Account numru: tnejn zero zero zero zero tnejn wiehed erbgha tlieta wiehed hamsa

(20000214315) [kopja annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok APS1]; flimkien mas-somma ta’ tmien mija u tlieta u erbghin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm843.16) rapprezentanti bilanc ta’ debitu relattiv mal-Interest Disposal Account numru: tnejn zero zero zero zero tlieta erbgha zero sebgha sitta wiehed (20000340761) [kopja annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok APS2]; u dan oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-Loan Account numru: tnejn zero zero zero zero tnejn wiehed erbgha tlieta wiehed hamsa (20000214315) mill-wiehed u tletin (31) ta’ Dicembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv;

2. Illi l-imsemmi ammont komplessiv kien dejn cert, likwidu u dovut mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti kienu jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) saiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta’ l-istess socjeta` rikorrenti, l-intimati ma kellhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont komplessiv;

3. Illi ghalkemm l-intimati kienu gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont komplessiv fuq imsemmi, inkluz bl-ittri legali datati wiehed u ghoxrin (21) ta’ Dicembru 2005 [kopji annessi mar-rikors u mmarkati bhala Do APS3 u APS4 rispettivament] u bl-ittri gudizzjarji datati erbgha u ghoxrin (24) ta’ Jannar 2006 [kopji annessi u mmarkati bhala Dok APS5 u APS6 rispettivament], huma kienu baqghu inadempjenti;

4. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet intavolat Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta’ l-istess konvenuti kontestwalment ma’ dan ir-rikors guramentat;

5. Illi r-rapprezentanta tas-socjeta` rikorrenti kienet taf b’dawn il-fatti personalment;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti biex dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta' tletin elf, mija u sebgha u sittin lira Maltin u tnejn u goxrin centezmu (Lm30,167.22) kif fuq spjegat, oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-Loan Account numru: tnejn zero zero zero zero tnejn wiehed erbgha tlieta wiehed hamsa (20000214315) mill-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittri legali datati wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru 2005, tal-ittri gudizzjarji datati erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar 2006, u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors, u bl-imghax b'effett mill-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi l-intimati debitament notifikati skond il-ligi baqghu kontumaci u ma dehrux fis-seduta tal-lum.

Xehdet Cheryl Ciappara ***signitory clerk*** mal-APS Bank u qalet li ma gie mhallas xejn mid-data ta' meta gie prezentat rikors u ghalhekk il-bilanc ghadu l-istess.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tal-bank rikorrent tidher gustifikata u fuq kontumacja l-intimati l-Qorti qed tilqaghha fis-sens li tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta' tletin elf, mija u sebgha u sittin lira

Maltin u tnejn u goxrin centezmu (Lm30,167.22) kif fuq spjegat, oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-Loan Account numru: tnejn zero zero zero zero tnejn wiehed erbgha tlieta wiehed hamsa (20000214315) mill-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittri legali datati wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru 2005, tal-ittri gudizzjarji datati erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar 2006, u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors, u bl-imghax b'effett mill-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------